# KUNSILL LOKALI IR-RABAT (MALTA)

## RAPPORT AMMINISTRATTIV 2013

Imħejji

**Mis-Segretarju Eżekuttiv**

**Orietta Masini Cardona**

**28 ta' Jannar 2014**

## INTRODUZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

Hu pjaċir u unur tiegħi li bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat, nippreżenta dan ir-rapport amministrattiv li jaħbat l-ewwel rapport tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat. Kien il-pjacir tiegħi matul din is-sena li naħdem fil-qrib mas-Sindku preċedenti s-Sur Alexander Craus, mas-Sindku attwali s-Sur Charles Azzopardi u l-Kunsilliera kollha, kif ukoll mal-impjegati tal-Kunsill u mal-ħaddiema tal-IPSL u tal-ETC, issekondati mal-Kunsill Lokali tagħna. Kienet sena impenjattiva ħafna fejn ġew organizzati diversi attivitajiet, xogħlijiet u servizzi. Ta' min jirrimarka li dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Marzu 2013 (is-sitt leġiżlatura tal-Kunsill), kif ukoll il-perjodu mill-1 t'April 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013 (is-seba' leġiżlatura tal-Kunsill).

Biex nibda dan ir-rapport, ser nippreżenta hawn taħt l-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħat tal-Kunsill Lokali. Dawn huma kif jidher hawn taħt:

## ATTENDENZA

Din is-sena l-Kunsill kien maqsum fuq żewġ leġiżlaturi, is-sitt leġiżlatura u s-seba' leġiżlatura. Dan peress li fid-9 ta' Marzu 2013 kien hemm l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u għaldaqstant ġie maħtur Kunsill ġdid.

B'kollox fis-sitt leġiżlatura, il-Kunsill iltaqa` ħames darbiet bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Marzu 2013.

| ISEM | PREŻENTI | SKUŻAT | ASSENTI |
|---|---|---|---|
| Alexander Craus | 5 | 0 | 0 |
| Doris Coleiro | 5 | 0 | 0 |
| Peter Paul Azzopardi | 5 | 0 | 0 |
| Antoine Borg | 1 | 4 | 0 |
| Nazju Cassar | 3 | 2 | 0 |
| Paul Grech | 5 | 0 | 0 |
| Rudolph Grima | 3 | 2 | 0 |
| Odette Manicaro | 5 | 0 | 0 |
| Dr Robert Micallef | 3 | 2 | 0 |

B'kollox fis-seba leġiżlatura, il-Kunsill iltaqa' tlettax-il darba bejn l-1 ta' April 2013 u l-31 ta' Diċembru 2013.

| ISEM | PREŻENTI | SKUŻAT | ASSENTI |
|---|---|---|---|
| Charles Azzopardi | 13 | 0 | 0 |
| Doris Coleiro | 13 | 0 | 0 |
| Peter Paul Azzopardi | 10 | 3 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Antoine Borg* | 4 | 2 | |
| Stephen Borg | 13 | 0 | 0 |
| Nazju Cassar | 12 | 1 | 0 |
| Paul Grech | 11 | 2 | 0 |
| Rudolph Grima* | 3 | 1 | 0 |
| Andrew Mallia | 12 | 1 | 0 |
| Ian Mario Vassallo | 13 | 0 | 0 |

*Fis-6 ta' Awwissu 2013 il-Kunsillier is-Sur Antoine Borg ippreżenta r-riżenja tiegħu minn Kunsillier minħabba li ġie maħtur Membru Parlamentari. Fid-19 ta' Awwissu saret elezzjoni każwali sabiex jimtela' l-post tal-Kunsillier Borg fejn minfloku ġie elett il-Kunsillier, is-Sur Rudolph Grima. Fiż-żmien li s-Sur Grima ilu Kunsillier, saru erba' laqgħat tal-Kunsill.

Fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill il-ġdid jiġifieri fit-3 ta' April 2013 is-Sindku Charles Azzopardi u l-Viċi Sindku Doris Coleiro aċċettaw il-kariga tagħhom u ħadu l-ġurament tal-ħatra. Fit-tieni laqgħa tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 ġew assenjati r-responsabbiltajiet lil kull Kunsillier kif jidher hawn taħt:

**Is-Sindku Charles Azzopardi** responsabbli mill-Infrastruttura, Finanzi, Ordni Pubblika, Trasport, Proġetti Kapitali, Kultura, Pubblikazzjoni Ir-Rabta u Ċerpersin tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-*Tenders.*

**L-Viċi Sindku Doris Coleiro** responsabbli mill-Anzjani, Saħħa, Impenn Soċjali, Koordinatur Proġetti Ewropej u Evalwatur tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-*Tenders.*

**Il-Kunsillier Antoine Borg** responsabbli mill-Għaqdiet fir-Rabat u Evalwatur tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-*Tenders.*

**Il-Kunsillier Nazju Cassar** responsabbli mill-*Playing Fields,* Koordinatur Infrastruttura Evalwatur tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-*Tenders.*

**Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi** responsabbli mill-Ambjent Urban u Sports

**Il-Kunsillier Paul Grech** responsabbli mill-Baħrija u 'l madwar, Bozoz u Evalwatur tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-*Tenders.*

**Il-Kunsillier Andrew Mallia** responsabbli mill-Edukazzjoni u Taħriġ.

**Il-Kunsillier Ian Vassallo** responsabbli miż-Żgħażagħ u Evalwatur tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-*Tenders.* **(Ġie maħtur sostitut bħala Evalwatur tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-*Tenders* wara li l-post tal-Eks-Kunsillier Antoine Borg ġie vakat)**

**Il-Kunsillier Stephen Borg** responsabbli mill- Ġemellaġġi u Koordinatur Jum ir-Rabat.

**Il-Kunsillier Rudolph Grima** responsabbli mill-Għaqdiet fir-Rabat, it-Turiżmu u s-*Self Employed.*

## FINANZI

### Ħarsa tad-dħul u nfiq għas-sena kalendarja 2013

Il-Kunsill beda s-sena finanzjarja tiegħu fl-1 ta' Jannar 2013 b'*deficit* ta' €179,864.

Id-dħul totali għas-sena 2013 kien ta' €1,109,960 (l-ammont ta' ewro 960,062 huma l-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali)

In-nefqa għall-istess sena kienet imqassma hekk:

Onorarja tas-Sindku, Ħlas lill-Kunsilliera u Salarji: €134,831
Kuntratti, Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra: €732,768
Nefqa Kapitali: €181,806
Għalhekk in-nefqa totali kienet ta' €1,049,405

Wara li jittieħed inkonsiderazzjoni l-assi kurrenti u l-ħlasijiet li kellu l-Kunsill fil-31 ta' Diċembru, 2013 jirriżulta li d-*deficit* naqas għal madwar €171,262. Kif jidher il-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jipprova jrażżan id-*deficit* mingħajr ma jnaqqas fil-kwalità tas-servizzi li jipprovdi.

## KONKLUŻJONI

Il-lokal tar-Rabat huwa msebbah mhux biss bi ġmiel naturali u dak intellettwali kif jixhduh il-ħafna soċjetajiet li jinsabu fil-lokal tar-Rabat Malta, bħalma huma s-soċjetajiet mużikali, drammatiċi, sportivi fost oħrajn, apparti nies li għamlu ġieh mhux biss lir-Rabat, imma wkoll lil pajjiżna. Il-Kunsill Lokali għandu l-iskop li jikkumplimenta dawn is-soċjetajiet, għaqdiet u individwi bl-iskop li jkattar u jseddaq l-għanijiet tagħhom. Apparti minnhekk, il-Kunsill Lokali bħala Gvern Lokali huwa fid-dmir li jamministra l-lokal bl-aħjar mod possibbli fejn jieħu inkonsiderazzjoni drawwiet u tradizzjonijiet tal-lokal, dejjem fl-ambitu tal-liġijiet tal-pajjiż. Fejn hu meħtieġ il-Kunsill Lokali għandu jirreġistra favur miżuri li jkunu meħtieġa, biss li mhux neċessarjament popolari. Għaldaqstant, huwa ta' bilħaqq importanti li r-residenti Rabtin jirrealizzaw u japprezzaw dan kollu.

Fl-aħħar nett, nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lis-Sindku preċedenti s-Sur Alexander Craus, lis-Sindku attwali s-Sur Charles Azzopardi u l-Kunsilliera kollha tal-ħidma tagħhom u kontinwa biex dawn l-għanijiet jintlaħqu.

Insellem u nirringrazzja wkoll liċ-Ċerpersins u lill-membri taż-żewġ Kumitati Amministrattiv, dak tal-Baħrija u ta' tal-Virtù, li jagħtu sehem b'mod volontarju għall-ħidma tagħhom b'risq ir-Rabat.

Nagħti ħajr u nirringrazzja lill-impjegati tal-Kunsill, lis-Sinjorina Roberta Ciantar, lis-Sinjura Victoria Privitera, is-Sinjorina Janice Dingli, is-Sinjorina Fabienne Muscat u s-Sinjorina Donna Micallef tal-kooperazzjoni u d-dedikazzjoni sħiħa tagħhom.

Ħajr,

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**

'Appendiċi A'

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT (MALTA)

## RAPPORT TA' ĦIDMA 2013

Imħejji

**mis-Sindku**

**Charles Azzopardi**

**28 ta' Jannar 2014**

## INTRODUZZJONI MIS-SINDKU

Dan ir-rapport ta' ħidmet il-Kunsill sejjer ikun l-ewwel wieħed li jiena sejjer nippreżenta. Il-bidu ta' din il-leġiżlatura taf il-bidu tagħha fl-1 ta' April 2013 wara l-elezzjonijiet li saru fid-9 ta' Marzu 2013. Dan il-Kunsill bħalma għamel fid-disa' xhur li għaddew, sejjer ikompli jkun viċin ir-residenti fil-lokalità.

Il-ħidma tal-Kunsill sejra tkompli tħares 'il quddiem u ser nibnu fuq l-għaqal, l-effiċjenza u l-kontabilità, filwaqt li nagħrfu l-isfidi nkomplu nwettqu b'risq kulħadd. Ħidmietna trid tħares l-oqsma kollha li wieħed jista' jimmaġina f'lokalità kbira bħar-Rabat. Irridu nħarsu fuq quddiem il-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli fil-lokalità. Kulħadd irid ikun imħares.

Irridu nkomplu naħdmu id f'id biex is-suċċess ikun wieħed li jirrifletti l-aspirazzjonijiet tagħna. L-introduzzjoni tiegħi sejra tibqa' bi grazzi lill-Kunsilliera. Apprezzament lejn ħidmiet is-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani kollha. Dawk kollha li jaħdmu viċin tagħna b'imħabba vera lejn ir-Rabat tagħna.

**Charles Azzopardi**

**Sindku**

## PROĠETTI INFRASTRUTTURALI

Is-sena 2013 kienet waħda impenjattiva fejn tidħol l-infrastruttura tal-lokal. Dan il-Kunsill wettaq bosta xogħol bil-għan li jelimina ħafna mill-problemi ta' għarar ta' ilma li jidħol fil-kantini tar-residenti. Xogħol simili sejjer jibqa' għaddej fis-sena li għadha kif bdiet. Fil-bidu tal-2013 il-Kunsill preċedenti għamel insistenza mat-TM sabiex saret parti minn Vjal il-Ħaddiem. Dan il-Kunsill sejjer ikompli jagħmel pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali biex din titkompla. Saru diversi laqgħat dwar dan, fosthom mal-Onor. Ministru Joe Mizzi. Wieħed jinkludi l-bżonn li ssir Triq Tabia li tinsab fi stat ħażin ħafna. Għamilna pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali, sabiex jiġu rranġati t-trejqiet fil-kampanja li jintużaw mill-bdiewa.

F'Jannar sar l-*Embellishment* fuq ir-*roundabout* tal-monument ta' San Ġuzepp kif ukoll tisbiħ ta' Sqaq nru 5, Triq Bir ir-Riebu. Fl-ewwel xahrejn tas-sena sar ħafna xogħol fil-kampanja, xogħol ta' konkos fiż-żona rurali. L-akbar ammont imur l-Imtaħleb, Tas-Salib, il-Baħrija u postijiet oħra fil-madwar. Il-Wied tal-Isqof ingħata wkoll attenzjoni kbira. Sar ir-*resurfacing* ta' sqaq fi Triq il-Ġarġir. Fil-futur din it-Triq sejra tingħata r-*resurfacing.*

Sar ħafna xogħol ta' *extensive patching* f'Wied Rini (ħdejn tal-GO), Triq Misraħ Suffara (ħdejn il-Palazz u ħdejn il-barriera), Tal-Ħamri (il-parti li tagħmel mar-Rabat), Tas-Salib (qabel tikser lejn l-Għemieri), Il-Fiddien, Id-Dwejra, parti kbira mill-Imtaħleb, Ġebel Għomor fejn l-iskola l-antika, Triq il-Ġwiedi u Il-Kunċizzjoni.

Il-Kunsill ra li jsir *patching* madwar ir-Rabat kollu. Il-Kunsill ħadem bi sħiħ biex iżid il-parkeġġ fil-lokalità. Insista għal diversi drabi fuq qbil jew nuqqas ta' qbil ma' TM. Wieħed jista' jsemmi Triq Pietru Griscti f'Għar Barka. Il-Kunsill ilu minn Mejju li għadda jeżiġi fuq TM biex din it-triq toffri lir-residenti ċ-ċans li jipparkjaw il-karozzi tagħhom nofshom fit-triq u fuq il-bankina. Dan minħabba li t-triq hija waħda dejqa ħafna.

Wieħed jinnota li hemm ħsarat estensivi f'Wied il-Qlejgħa. Saret talba oħra lill-gvern biex tittieħed azzjoni immedjata. Old Żebbuġ Road għandha bżonn xogħol ta' rikostruzzjoni. Din trid issir mill-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill għamel xogħol ta' manutenzjoni fi Triq il-Palazz u Binġemma wkoll. Matul din is-sena l-Kunsill sejjer jagħmel Triq San Bastjan, waqt li jbiddel is-servizzi kollha. *Resurfacing* ta' Sqaq iċ-Ċjaki, parti kbira minn Triq il-Konti Ruġġieru u bżonnijiet li jinqalgħu b'mod immedjat.

Fil-pjan ta' ħidma 2014-2016 il-Kunsill biħsiebu jkompli bix-xogħol fi Triq Għajn Kajjet, San Piu V, Triq Ferris, parti minn Triq il-Kulleġġ u fuq quddiem Triq Inguanez.

## PROĠETTI TAL-UNJONI EWROPEA

### *IL-KATAKOMBI TA' SANTU WISTIN*

Il-Kunsill ikkonkluda l-proġett ta' restawr marbut ma' fondi mill-UE. Proġett taħt l-isem ta' *Archaeotur* fejn saret ħidma konġunta mal-Kunsill Lokali Mosta, *Heritage Malta* u l-*Malta Tourism Authority* sabiex isir xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-katakombi ta' Bistra l-Mosta u dak ta' Santu Wistin, ir-Rabat. Hawn tranġaw is-soqfa u l-ħitan tal-katakombi.

### *TRIQ SANTA RITA U SAN KATALD*

Mill-bidu ta' din il-leġiżlatura (April 2013) intfajna b'ruħna u ġisimna naħdmu fuq il-proġett ta' Triq Santa Rita u Misraħ San Katald. Proġett li sejjer isir fil-maġġor parti tiegħu minn fondi ewropej. Il-Kunsill Lokali sejjer joħroġ is-somma ta' madwar €25,000. Proġett li sejjer jaqbeż is-somma totali ta' €500,000. Dan il-proġett sejjer jinkludi r-*resurfacing*, jiżdied id-dawl billi sejrin isiru fanali, jiżdied il-parkeġġ, xogħol ta' pavimentar fuq il-bankina li jikkumplimenta dak tal-pjazza.

Saru diversi laqgħat mal-Fondazzjoni Majjistral li bl-għajnuna tagħhom il-Kunsill akkwista dawn il-fondi taħt il-miżura 313 *Encouragement of Tourisim Activity*. Laqgħat oħra saru mal-GRTU, ir-rappreżentanti tal-bejjiegħa tal-monti, il-*business community* ta' Triq Santa Rita, Triq ir-Rebħa u Pjazza San Katald, mal-pulizija u diversi entitajiet oħra. Illum, nistgħu ngħidu li l-proġett wasal biex jibda.

**<u>INDAFA ĠENERALI, QTUGĦ TA' ĦAXIX, ŻBIR TA' SIĠAR U INSTALLAZZJONI TA' BOZOZ ĠODDA</u>**

Nibda biex ngħid li waqt li l-Kunsill qiegħed jaħdem bi sħiħ biex iżomm ambjent nadif, qiegħed ukoll jeduka kontinwament lir-residenti. Il-Kunsill kompla joffri diversi servizzi ta' ġbir tal-iskart. Dawn is-servizzi jridu jintużaw b'mod tajjeb mingħajr ma nagħmlu aktar ħsara milli ġid. Ħadd ma jista' jarmi l-ħmieġ barra jew ħdejn l-iskips.

Sar xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix fiż-żona rurali tar-Rabat. Hawn nirringrazzja Kunsillier is-Sur Paul Grech, tal-għajnuna kbira tiegħu. Xogħol li sar fit-triq li tagħti mir-Rabat għall-Baħrija, fejn il-*computer centre,* l-Għemieri, il-Landrijiet, in-Nadur Limiti tar-Rabat, tas-Salib, l-Imtaħleb, Ta' Koronja, Tas-Sirena, Raba Nemel, Santa Katerina, is-Salvatur, il-Fiddien, Bieb ir-Ruwa, Fomm ir-Riħ u l-bqija. Sar xogħol ukoll f'Tal-Virtù.

Għamilna ħafna insistenza biex l-MRRA tiegħu ħsieb it-tindif tal-widien. Xogħol li jrid isir fis-sajf u jipprepara għal maltempata fix-xitwa.

Qegħdin nużaw ukoll is-servizz tal-*eco wardens*. Dan qegħdin nagħmluh biex naraw li tinżamm l-ordni u l-indafa.

Saret l-installazzjoni ta' diversi bozoz ġodda madwar bosta nħawi fir-Rabat. Dawn il-bozoz isiru wara li jkun hemm approvazzjoni tal-bozza mill-Enemalta. Il-ħsarat fil-bozoz huma l-ordni tal-ġurnata, fejn bdejna għaddejjin bit-tiswija tal-bozoz tista' tgħid kuljum. Inxtraw ukoll bozoz *energy saving* għal Misraħ Anton Agius (l-Għalqa ta' Kola). Dan wara li kien hemm ħsara f'dawk eżistenti u ma kienx vijabbli li jitranġaw. Ħawn nixtieq

insemmi l-arloġġ tas-Saqqajja. Dan nafu li ilu xhur ma jaħdimx. Ippruvajna aktar minn tentattiv wieħed biex dan jissewwa, iżda bi sfortuna, dan ma setax jitranġa. B'hekk kien hemm deċiżjoni li dan jitneħħa.

## EDUKAZZJONI

Investejna ħafna fl-edukazzjoni tat-tfal tagħna, f'korsijiet għall-adulti u għal dawk li qatt ma mmaġinaw li jmissu kompjuter b'idejhom. Din is-sena l-Kunsill permezz tat-TCTC reġa' offra korsijiet tal-kompjuter għat-tfal bl-isem *ikids* u dak tal-ECDL.

Flimkien mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni komplejna bil-korsijiet fil-lingwa Maltija u Ingliża. Il-Kunsillier Andrew Mallia ħadem mill-qrib mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex jara x'jista' jkompli jikseb għall-lokalità u fil-ġranet li ġejjin ser jinbeda kors tal-fotografija.

Komplejna nħarrġu lill-ħaddiema tagħna, fejn attendew korsijiet biex itejbu s-servizz li huma jagħtu lir-residenti. Nieħu din l-opportunità sabiex nifraħ lil waħda mill-impjegati tal-Kunsill, is-Sinjorina Roberta Ciantar li din is-sena kienet fost il-35 student li kisbu ċ-Ċertifikat fil-Qari tal-Provi mill-Università ta' Malta u x-Xhieda ta' Għarfien mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti bħala Qarrejja tal-Provi tal-Malti. Kors li kien sponsorjat kollu mill-Kunsill Lokali Ir-Rabat.

Il-Kunsill qabel li jissieħeb bħala membru korporattiv fl-ANSEK sabiex kemm il-Kunsilliera, is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill ikunu jistgħu jattendu korsijiet organizzati mill-ANSEK.

Il-Kunsill tar-Rabat ħareġ tliet fuljetti matul din is-sena. Fuljetti li fihom tagħrif dwar il-ħidma li ssir mill-Kunsill. Mhux biss iżda wieħed jista' jsib informazzjoni fuq il-kultura, l-arti, l-istorja u l-ġid li għandu r-Rabat.

## ANZJANI U SAĦĦA

Barra l-korsijiet edukattivi ta' matul is-sena l-Kunsill jorganizza għall-anzjani numru ta' attivitajiet. Sena ta' inizjattivi varji, ħarġiet u preparamenti. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro taħdem flimkien ma' diversi voluntiera fuq pjan ta' ħidma biex l-anzjani tagħna jkunu parteċipi fis-soċjetà. Din is-sena kellna d-*Day Centre* li kellu konkorrenza tajba ħafna, 'Jum l-Anzjani' u l-*party* tal-Milied.

Saret ukoll laqgħa mal-Onor. Seġretarju Parlamentari Dr Franco Mercieca, responsabbli mill-Anzjani, fejn fiha ġew diskussi materji relatati mal-anzjani.

Is-Sibt 15 ta' Ġunju 2013, f'Misraħ il-Forok ġiet imfakkra għall-ewwel darba l-ġurnata kontra l-abbuż fuq l-anzjani. Attività fejn fiha ngħata tagħrif dwar in-*neighbourhood watch*.

Ftit tax-xhur ilu l-Ministeru tas-Saħħa beda x-xogħol fuq il-poliklinika. Dan wassal biex din b'mod temporanju kellha titrasferixxi ruħha. Waqt laqgħa li kellna mal-Onor. Dr Godfrey Farrugia sar arranġament biex ir-residenti tagħna jkollhom it-trasport provdut li joħodhom għall-poliklinika.

## SPORTS

Matul din is-sena komplejna bl-għajnuna tagħna lir-*Rabat Nursery*, billi nħallsu t-trasport li jieħdu bih it-tfal ta' taħt l-għaxar snin il-grawnd tal-Imtarfa. Bi sfortuna, s'issa għad m'għandniex grawnd fir-Rabat.

Saret laqgħa mal-Onor. Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo fejn ġew mistħarrġa affarijiet marbuta mal-isport u l-faċilitajiet li jista' jkollna fir-Rabat. Matul din is-sena ninsabu determinati li flimkien mal-għaqdiet tal-lokal, norganizzaw attivitajiet sportivi li jiġbdu lejhom ħafna nies fosthom turisti kif ukoll attivitajiet oħra li jkunu mmirati lejn it-

tfal u ż-żgħażagħ. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qiegħed jaħdem biex jinħolqu attivitajiet sportivi u fiżiċi mmirati biex jippromwovu s-saħħa u l-*healthy lifestyle*.

## RESTAWR

F'Marzu li għadda tlesta r-restawr tal-Għajn ta' Għeriexem. Sar xogħol fuq il-ġebla fejn l-għajn reġgħet ingħatat il-ħajja. Ir-restawr tal-għajn sar mill-Volksbank u parti kbira oħra mill-fondi tal-Kunsill.

## JUM IR-RABAT

Jum ir-Rabat ġie ċċelebrat fit-2 ta' Settembru u l-attività saret f'Misraħ Santu Wistin. Ġieħ ir-Rabat, l-ogħla unur li tista' tagħti l-lokalità, ingħata lis-Sur Noel Farrugia għall-ħidma tiegħu fil-qasam politiku u filantropiku. Żewġ rikonoxximenti oħra ngħataw lis-Sur Peter Paul Ciantar u lil Dun Luke Seguna. Wieħed għall-ħidma tiegħu fil-qasam kulturali, mużikali u l-ieħor għall-ħidma tiegħu fil-qasam spiritwali u komunitarju. Kienet serata ta' talent u mużika, qari u poeżija. Il-Kunsillier Stephen Borg kien ta' għajnuna kbira għall-Kunsill fl-organizazzjoni ta' din l-attività.

Fid-diskors li għamilt bħala Sindku tal-lokalità rringrazzjajt lil dawk kollha li ħadu sehem. Tkellimt fuq l-aspett storiku tar-rewwixti tal-Maltin kontra l-Franċiżi u sħaqt fuq il-bżonn li ngħożżu r-Rabat bis-serjetà. Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, ippreżentajna r-rikonoxximenti lis-Sindku u lill-Kunsilliera li servew fil-leġiżlatura ta' qabel u li m'għadhomx iservu fil-Kunsill.

## ŻGĦAŻAGĦ

Matul din is-sena l-Kunsill ħadem biex tingħata kull għajnuna liż-żgħażagħ fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-isport u l-involviment minnhom biex ikunu preżenti fil-ħidma tal-Kunsill. L-għażla tal-Kunsill Lokali għall-Ambaxxatur 16+ kienet dik ta' Ray Tanti. Bi pjaċir ninnota li Ray attenda kull laqgħa tal-Kunsill li kien hemm minn meta dan ġie maħtur bħala rappreżentant taż-żgħażagħ fil-lokalità. Dan il-Kunsill immexxi minni sejjer ikompli jinkoraġġixxi inizjattivi ta' volontorjat fost iż-żgħażagħ bħalma saret l-inizjattiva ta' tindif bejn il-Baħrija u l-Kunċizzjoni.

Il-Kunsill għadu kif applika għall-Kunsill taż-Żgħażagħ. Dan biex inkomplu nagħtu importanza 'l-vuċi taż-żgħażagħ fil-lokalità. Il-Kunsillier Ian Vassallo huwa l-Kunsillier responsabbli miż-żgħażagħ u minn dan il-Kunsill taż-Żgħażagħ.

## KULTURA

Il-Kunsill Lokali tagħna applika wkoll għal skema biex fir-Rabat tiġi organizzata attività li jkollha rabta mal-kultura, l-arti, it-tradizzjoni u l-gastronomija tipika lokali. Nixtiequ naraw l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ ukoll f'din l-attività.

## KONKLUŻJONI

Din is-sena timmarka l-għoxrin sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Inħarsu lura u nkunu kburin, niftakru minn fejn tlaqna. L-Onor. Segretarju Parlamentari Dr Jose Herrera għogħbu jagħti rikonoxximent lis-Sur Nazju Cassar li għadu sal-lum fil-Kunsill, għoxrin sena mit-twaqqif tiegħu. Matul din il-leġiżlatura rridu nkomplu nxammru l-kmiem. Irridu

naħdmu bil-għaqal bl-allokazzjoni finanzjarja li għandna. Nisfruttaw kull ċirkostanza fejn nistgħu niksbu xi fondi mill-Unjoni Ewropea. Jekk nużaw moħħna u naħdmu bil-għaqal inkomplu nirnexxu. Dan iwassalna biex inkunu kburin li qegħdin naħdmu b'risq ir-Rabat ta' Malta, ir-Rabat tagħna lkoll.

**Charles Azzopardi**
**Sindku**